

Brussell, 10 ta' Settembru 2026  
(OR. fr)

13009/26

PECHE 338

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                    |
| data meta waslet: | 10 ta' Settembru 2026                                                                                                                                                                                                                                                        |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                   |
| Nru dok. Cion:    | COM(2026) 465 final                                                                                                                                                                                                                                                          |
| Suġġett:          | Rakkomandazzjoni għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagascar |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 465 final.

Mehmuż: COM(2026) 465 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.9.2026  
COM(2026) 465 final

Rakkomandazzjoni għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagascar**

{SWD(2026) 272 final} - {SWD(2026) 273 final}

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jiġi negozjat Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) ġdid mar-Repubblika ta' Madagascar, flimkien mal-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013<sup>1</sup> dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-flotta tal-UE u jingħata kontribut biex jintlaħqu l-obiettivi tal-PKS.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Madagascar u l-protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu<sup>2</sup>, iffirmit fit-30 ta' Ġunju 2023 u applikat mill-1 ta' Lulju 2023, se jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027. Bħalissa, il-protokoll jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-flotta tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni finanzjarja korrispondenti mħallsa mill-Unjoni lill-Madagascar li tammonta għal EUR 1 800 000, inkluż EUR 1 100 000 għall-appoġġ settorjali, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet mill-operaturi tal-bastimenti.

L-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd tal-Madagascar hu awtorizzat għas-sajd tat-tonn u tal-ispeċijiet migratorji ħafna, li jkun ta' interess għal erba' Stati Membri (Spanja, Franza, l-Italja u l-Portugall). L-Unjoni Ewropea għandha sensiela ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) bilaterali attivi fl-Afrika Ċentrali tal-Punent u fir-reġjun tal-Oċean Indjan. Fir-reġjun tal-Oċean Indjan, il-flotta tat-tonn għandha SFPAs attivi mar-Repubblika tal-Mauritius u mar-Repubblika tas-Seychelles.

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-obiettivi tal-PKS internazzjonalment, u jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni 'l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq l-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli bil-liġi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jsaħħu l-pożizzjoni tal-UE fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali tas-sajd, b'mod partikolari fil-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), il-korp għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ispeċijiet migratorji ħafna fir-reġjun, kif ukoll fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA). Fl-aħħar nett, il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-sajd Sostenibbli (SFPAs) bilaterali attivi jissejsu fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u jikkontribwixxu biex titjieb il-protezzjoni tal-miżuri internazzjonali, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat (is-sajd IUU).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' SFPA u protokoll mal-Madagascar hu konformi mal-azzjoni esterna tal-Unjoni b'rabta mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (il-pajjiżi AKP) u, b'mod partikolari, mal-għanijiet tal-Unjoni fejn jidħol il-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>2</sup> Ftehim ta' Sħubija attwali dwar is-Sajd Sostenibbli, ĠU L 182, 19.7.2023, pp. 25-81.

L-SFPAs jikkomplementaw lil strumenti oħra tal-Unjoni, inkluż l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali dwar il-ġestjoni tas-sajd, u jiddependu fuq opportunitajiet eżistenti bħat-taħriġ offrut miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA).

Il-promozzjoni ta' xogħol diċenti tkun żgurata bin-negozjar mistenni ta' klawżola soċjali li taqbel mal-Konvenzjoni Nru 188 tal-2007 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) għall-ħaddiema mill-pajjiż sieħeb li jridu jiġu impjegati minn bastimenti tal-Unjoni.

## **2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi legali sostantiva**

Il-bażi legali sostantiva hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) b'rabta mal-politika komuni dwar is-sajd.

### **• Bażi legali proċedurali**

L-Artikolu 218(3) tat-TFUE jipprevedi li, meta l-ftehim previst ma jkunx jirrigwarda esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u tas-sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina n-negozjatur tal-Unjoni jew il-kap tat-tim tan-negozjati tal-Unjoni.

L-Artikolu 218, il-paragrafu 4, tat-TFUE jipprevedi li l-Kunsill jista' jindirizza direttivi ta' negozjati lin-negozjatur u jaħtar kumitat speċjali biex jikkonsulta lin-negozjatur.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda l-ftuħ ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagascar għal ftehim internazzjonali ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tiġi nominata bħala negozjatur.

Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218, il-paragrafi 3 u 4, tat-TFUE.

### **• Għażla tan-negozjatur**

Peress li l-ftehim previst ikopri esklużivament kwistjonijiet li mhumix tal-politika estera u tas-sigurtà komuni, jixraq li l-Kummissjoni tinħatar bħala negozjatur f'konformità mal-Artikolu 218, il-paragrafu 3, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### **• Kompetenza tal-Unjoni**

Is-suġġett kopert mir-Rakkomandazzjoni jikkonċerna l-Politika Komuni tas-Sajd, li fiha l-Unjoni teżerċita kompetenza esklużiva.

### **• Proporzjonalità**

Id-deċiżjoni proposta hija proporzjonali mal-oġġettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza legali, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-pajjiżi terzi, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jistabbilixxi l-Politika Komuni tas-Sajd.

### **• Għażla tal-istrument**

Din ir-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill qed issir f'konformità mal-Artikolu 218, il-paragrafi 3 u 4, tat-TFUE, li jipprevedu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-

ftuħ ta' negozjati u taħtar in-negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza wkoll id-direttivi tan-negozjati lin-negozjatur. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża biex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din ir-rakkomandazzjoni.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Fl-2026, il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni *ex post* tal-protokoll attwali tal-SFPA konkluż mal-Madagascar, kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* ta' ftehim u protokoll ġodda possibbli. Ir-rapport ta' dik l-evalwazzjoni hu pubbliku<sup>3</sup>.

Bħala konklużjoni, ir-rapport tal-evalwazzjoni jindika li hu ferm fl-interess tas-settur tas-sajd għat-tonn tal-Unjoni li jkollu ftehim li jirregola l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fil-Madagascar. Ir-rapport tal-evalwazzjoni jenfasizza wkoll diskrepanza fl-aħħar protokoll bejn l-għadd ta' opportunitajiet tas-sajd offruti u l-użu effettiv tagħhom. Kwalunkwe protokoll futur jenħtieġ li jnaqqas l-għadd ta' opportunitajiet tas-sajd offruti, li jenħtieġ li jwassal biex tonqos il-kontribuzzjoni finanzjarja skont il-protokoll. Barra minn hekk, it-tiġdid tal-protokoll se jgħin biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-kontrolli u s-sorveljanza u se jikkontribwixxi wkoll biex titjieb il-governanza tas-sajd fir-reġjun. L-evalwazzjoni turi li t-tiġdid tal-protokoll jipprovdi wkoll benefiċċji għall-Madagascar minħabba l-importanza tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa skont il-protokoll għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-evalwazzjoni ġew ikkonsultati l-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-Unjoni u tal-Madagascar. Ġew organizzati wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-evalwazzjonijiet li saru involvew esperti indipendenti fil-qasam.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Id-direttivi tan-negozjar, stabbiliti fl-anness tal-proposta għad-deċiżjoni, jirrakkomandaw l-inklużjoni ta' klawżola dwar il-konsegwenzi tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi.

---

<sup>3</sup> Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, POSEIDON u Fisheries Maritime Affairs, Partenariat de pêche durable UE-Madagascar – Évaluations de l'accord de partenariat de pêche durable (APPD) 2023-2027 et d'un possible futur APPD, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, <https://data.europa.eu/doi/10.2771/4471552>

#### 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-implikazzjonijiet baġitarji ta' protokoll ġdid huma l-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja lill-Madagascar. Jeħtieġ li l-allokazzjonijiet baġitarji relatati (l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) jiġu inklużi kull sena fil-linja baġitarja għall-SFPAs (08 05 01) u jkunu kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali<sup>4</sup> għall-2021-2027 u għall-2028-2034. L-ammonti annwali għall-impenji u għall-pagamenti huma stabbiliti fil-proċedura baġitarja annwali, inkluż il-linja ta' riżerva għall-protokoll li ma jkunux daħlu fis-seħħ fil-bidu tas-sena<sup>5</sup>.

#### 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

In-negozjati għandhom jibdwu fir-raba' trimestru tal-2026 biex jiġi limitat il-perjodu bejn iż-żewġ SFPAs, wara l-iskadenza tat-30 ta' Ġunju 2027.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li:

- il-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ u tmexxi negozjati għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) ġdid mal-Madagascar, u ta' protokoll ta' implimentazzjoni għalih.

---

<sup>4</sup> L-Artikolu 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28) [eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2020:433I:FULL](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2020:433I:FULL).

<sup>5</sup> Ara l-Artikolu 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28). [http://data.europa.eu/eli/agree\\_interinstitut/2020/1222/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2020/1222/oj)

Rakkomandazzjoni għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagascar**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, il-paragrafu 2, flimkien mal-Artikolu 218, il-paragrafi 3 u 4, tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħteġ li jinfetħu negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagascar għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) ġdid, u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-ftuħ ta' negozjati għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagascar hu b'dan awtorizzat.

### *Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hi b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Id-direttivi tan-negozjati stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

### *Artikolu 4*

In-negozjati għandhom jitmexxew b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Politika tas-Sajd, li b'dan qed jinħatar bħala l-kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218, il-paragrafu 4, tat-TFUE.

### *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*